



Brussell, 18 ta' Ġunju 2021
(OR. en)

9687/21

AGRI 271
VETER 45
ENV 443

NOTA

minn:	Presidenza
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	L-istabbiliment ta' għan ta' protezzjoni għan-naħal tal-għasel fil-kuntest tar- rieżami tad-dokument ta' gwida dwar in-Naħal tal-EFSA tal-2013 – <i>Skambju ta' fehmiet</i>

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness nota ta' informazzjoni ppreżentata mill-Presidenza għall-iskambju ta' fehmiet fil-laqgħa tal-Kunsill ("Agrikoltura u Sajd") fit-28 u d-29 ta' Ġunju 2021.

L-istabbiliment ta' għan ta' protezzjoni għan-naħal tal-għasel fil-kuntest tar-rieżami tad-Dokument ta' Gwida dwar in-Naħal tal-2013

Kuntest u s-sitwazzjoni attwali

1. Il-pestiċidi jistgħu jiġu awtorizzati biss jekk valutazzjoni komprensiva tar-riskju tkun uriet li l-użu tagħhom ma jkunx qed iwassal għal effetti ta' ħsara fuq is-saħħa tal-bniedem jew tal-annimali u lanqas għal effetti inaċċettabbli fuq l-ambjent. Il-metodoloġiji għat-twettiq tal-valutazzjonijiet tar-riskju meħtieġa huma stipulati f'dokumenti ta' gwida li jindirizzaw kompartimenti u speċijiet ambjentali differenti.
2. L-istatus quo llum, fir-rigward tal-valutazzjoni tar-riskju għan-naħal tal-għasel, huwa d-Dokument ta' Gwida dwar l-Ekotossikoloġija Terrestri tal-2002¹, peress li d-Dokument ta' Gwida dwar in-Naħal tal-2013 mill-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (EFSA) ma ġiex approvat mill-Istati Membri fil-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf minkejja sforzi ripetuti tul diversi snin.
3. F'Marzu 2019, il-Kummissjoni tat mandat lill-EFSA biex tirrieżamina d-Dokument ta' Gwida dwar in-Naħal tal-2013, b'kont meħud tal-ġarfien xjentifiku ġdid li ħareġ mill-2013.
4. Biex jitlesta dan ir-rieżami, l-istabbiliment tal-hekk imsejjaħ Għan Speċifiku ta' Protezzjoni (SPG) għan-naħal huwa pass kruċjali. Il-manigġers tar-riskju u l-assessuri tar-riskju mill-Istati Membri ddiskutew l-istabbiliment ta' dan l-għan matul is-sena li għaddiet, abbażi ta' **dokument mill-EFSA² li jiddeskrivi erba' approċċi possibbli biex jiġi stabbilit l-għan ta' protezzjoni għan-naħal tal-għasel.**
5. Il-maġġoranza tal-Istati Membri indikaw preferenza għal approċċ li jqis il-varjabbiltà naturali tad-daqsijiet tal-kolonja tan-naħal tal-għasel (imsejħa wkoll "firxa operattiva normali ta' daqsijiet tal-kolonja tan-naħal tal-għasel").

¹ https://ec.europa.eu/food/system/files/2016-10/pesticides_ppp_app-proc_guide_ecotox_terrestrial.pdf

² <https://www.efsa.europa.eu/sites/default/files/topic/EFSA-Supporting-document-for-RMs-in-defining-SPGs.pdf>

6. L-approċċ magħżul ġie kkritikat minn NGOs u minn xi Membri tal-Parlament Ewropew (MEPs). Ir-raġunijiet ewlenin huma marbuta mal-użu tal-mudell "BEEHAVE"³ (li ġie kofinanzjat sa 10 % mill-industrija) għas-simulazzjoni tal-varjabbiltà naturali fid-daqsijiet tal-kolonja u l-istennija li d-Dokument ta' Gwida dwar in-Naħal rivedut jistabbilixxi għan ta' protezzjoni inqas protettiv mid-Dokument ta' Gwida dwar in-Naħal mhux approvat tal-EFSA tal-2013. L-NGOs u l-MEPs irrakkomandaw ukoll l-użu ta' mudell ieħor, ApisRAM, għas-simulazzjoni tal-iżvilupp tal-kolonja tan-naħal. Madankollu, dan il-mudell għadu qed jiġi żviluppat.
7. L-EFSA ppubblikat fuq is-sit web tagħha sommarju dettaljat tal-iskedi ta' żmien ⁴tal-iżvilupp u l-kalibrazzjoni tal-mudell ApisRAM. Il-mudell ma jistax jintuża għas-simulazzjoni tal-iżvilupp tal-kolonja, u lanqas għas-simulazzjoni tal-effetti tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti (PPPs) u ta' fatturi ta' stress oħra, sa mill-inqas qabel nofs l-2023.
8. F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni talbet lill-EFSA biex tħejji dokument ta' sostenn komprensiv, li jispjega l-kwistjonijiet rilevanti kollha u jippreżenta l-eżitu tas-simulazzjonijiet tagħha f'dettall kbir. L-EFSA ppubblikat id-dokument⁵ fil-15 ta' Diċembru 2020 u ppreżentatu fit-13 ta' Jannar 2021 f'sessjoni ta' informazzjoni konġunta għall-Istati Membri u r-rappreżentanti tal-partijiet ikkonċernati (membri tal-grupp stabbilit mill-EFSA għal dan ir-rieżami), sabiex ikun jista' jsir skambju ta' fehmiet bejn il-Partijiet interessati kollha.

L-istabbiliment ta' Għanijiet Speċifiċi ta' Protezzjoni

9. F'laqgħa ddedikata fit-23 ta' Frar 2021 u fil-laqgħa tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Animali, l-Ikel u l-Għalf f'Marzu 2021, l-Istati Membri kollha kkonfermaw l-appoġġ tagħhom għall-metodu propost mill-EFSA biex jiġi rivedut l-SPG għan-naħal tal-għasel.

³ BEEHAVE huwa mudell disponibbli għall-pubbliku u l-informazzjoni rilevanti kollha tinsab fuq: <https://beehave-model.net/>

⁴ <https://www.efsa.europa.eu/sites/default/files/2021-03/timeline-ApisRAM-development-final.pdf>

⁵ <https://www.efsa.europa.eu/sites/default/files/topic/review-guidance-document-bees-specific-protection-goals.pdf>

10. L-Istati Membri kollha li esprimew opinjoni qablu li s-simulazzjonijiet tal-varjabbiltà naturali tad-daqs tal-kolonja tan-naħal tal-għasel imwettqa mill-EFSA huma aktar konservattivi minn dak li huwa osservat fin-natura. Għalhekk, daww l-Istati Membri qablu li l-għażla ta' għan ta' protezzjoni, fil-forma ta' limitu, għal tnaqqis aċċettabbli fid-daqs tal-kolonja tan-naħal tal-għasel minħabba pestiċidi fil-medda simulata, hija protettiva biżżejjed.
11. Rigward il-valur numeriku għal dan l-SPG, erba' Stati Membri appoġġaw 23 % (jiġifieri l-firxa sħiħa tal-varjabbiltà naturali simulata), 11-il Stat Membru appoġġaw għan ta' protezzjoni ta' 10-12.8 %, filwaqt li erba' Stati Membri appoġġaw 7 % (jiġifieri l-istess ċifra bħal fid-Dokument ta' Gwida dwar in-Naħal tal-EFSA tal-2013). Erba' Stati Membri ma kellhomx pożizzjoni.
12. Il-maġġoranza tal-Istati Membri qablu wkoll li l-fattibbiltà Prattika tal-istudji fuq il-post għandha tiġi kkunsidrata, għax inkella ma jkunx possibbli li jitkejjel effettivament jekk l-SPG jinkisibx jew le.
13. Fil-15 ta' Marzu 2021, il-President tal-Kumitat ENVI tal-Parlament Ewropew kiteb lill-Kummissjoni biex ifakkar li f'Ottubru 2019 il-Parlament oġġezzjona għal abbozz ta' Regolament tal-Kummissjoni li kien jippermetti li tiġi implimentata parti mid-Dokument ta' Gwida dwar in-Naħal tal-EFSA tal-2013 minħabba li kien qed jistenna implimentazzjoni sħiħa. Il-President baqa' wkoll kritiku dwar l-użu tal-mudell BEEHAVE fis-simulazzjonijiet tal-EFSA, u minflok irrakkomanda l-użu tal-mudell ApisRAM (filwaqt li kien imħasseb ukoll dwar id-dewmien fl-iżvilupp ta' dak il-mudell). Il-President esprima l-aspettattiva li r-reviżjoni tad-Dokument ta' Gwida dwar in-Naħal tal-EFSA tal-2013 ma għandhiex twassal għal livell aktar baxx ta' protezzjoni tan-naħal u talab dibattitu dwar l-SPG fl-livell politiku.

14. F'ittra⁶ lill-Ministru għall-Agrikoltura tal-Portugall u lill-President tal-Kumitat ENVI, il-Kummissjoni tipproponi, bħala punt tat-tluq għad-diskussjoni, **tnaqqis ta' 10 % fid-daqs tal-kolonja għall-SPG**. Din il-proposta hija ambizzjuża ħafna meta mqabbla mal-gwida dwar il-valutazzjoni tar-riskju għan-naħal li għadha applikabbli llum (jiġifieri d-Dokument ta' Gwida dwar l-Ekotossikoloġija Terrestri mill-2002), li jippermetti biss il-kejl ta' tnaqqis fid-daqs tal-kolonja fi studji fuq il-post akbar minn 20-25 % u meta wieħed iżomm f'moħħu li l-firxa sħiħa tal-varjabbiltà naturali simulata mill-EFSA hija ta' madwar 23 %.
15. Il-Kummissjoni kienet konxja wkoll mill-fatt li d-Dokument ta' Gwida dwar in-Naħal tal-EFSA tal-2013, li ppropona SPG ta' tnaqqis ta' 7 % fid-daqs tal-kolonja, ma ġiex approvat mill-maġġoranza tal-Istati Membri minħabba li qiesu li ma kienx teknikament fattibbli li jitwettqu studji fuq il-post li jippermettu li jitkejjel jekk l-għan inkisibx jew le. Abbażi tal-informazzjoni pprovduta mill-EFSA, il-kejl ta' tnaqqis ta' 10 % fl-istudji fuq il-post huwa sfida, iżda xorta teknikament fattibbli⁷.
16. Il-Kummissjoni tipproponi **SPG wieħed għall-UE kollha** u mhux għal kull żona regolatorja peress li l-evidenza xjentifika fid-dokument ta' sostenn mill-EFSA turi li hemm biss differenzi żgħar bejn it-tliet żoni regolatorji definiti fir-Regolament dwar il-Prodotti għall-Protezzjoni tal-Pjanti.

⁶ https://ec.europa.eu/food/system/files/2021-04/pesticides_bees_letter_mep-pt-pres_en.pdf

⁷ Ara t-taqsima 7.1 tad-dokument ta' sostenn tal-EFSA disponibbli fuq <https://www.efsa.europa.eu/sites/default/files/topic/review-guidance-document-bees-specific-protection-goals.pdf>

17. Sabiex l-EFSA tkun tista' tkompli bir-rieżami tagħha tad-Dokument ta' Gwida dwar in-Naħal tal-2013 u l-adozzjoni tar-Regolament(i) li ser jippermetti/u l-implimentazzjoni tiegħu, il-Ministri fil-laqgħa tal-Kunsill Agrikoltura u Sajd fit-28 u d-29 ta' Ġunju 2021 huma mistiedna jieħdu sehem fi skambju ta' fehmiet abbażi tal-mistoqsijiet li ġejjin:

- a) Taqbel li għandu jiġi stabbilit għan speċifiku wieħed ta' protezzjoni għan-naħal tal-għasel għall-UE kollha?*
 - b) Taqbel mal-proposta tal-Kummissjoni li 10 % għandu jkun il-livell massimu ammissibbli ta' tnaqqis tad-daqs tal-kolonja tan-naħal tal-għasel bħala konsegwenza tal-esponiment għal pestiċida?*
-